

Brussell, 24 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0435 (COD)

---

---

7301/1/26  
REV 1 ADD 1

CODEC 444  
CONSOM 85  
MI 246  
COMPET 326  
TOUR 10  
TRANS 152

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2015/2302 biex il-protezzjoni tal-vjaġġaturi ssir aktar effettiva u biex jiġu ssimplifikati u ċċarati ċerti aspetti ta' dik id-Direttiva (**I-ewwel qari**)  
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv  
= Dikjarazzjoni

---

#### L-Italja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

L-Italja tivvota favur l-adozzjoni tad-Direttiva [2023/0435 (COD)], filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi li saru biex il-protezzjoni tal-konsumatur tiġi bbilanċjata mal-ħtiġijiet tas-settur tat-turiżmu.

Madankollu, l-Italja tixtieq tiddokumenta t-tħassib serju tagħha rigward ir-rikorrenza ta' avvenimenti ta' sinifikanza dinjija wara l-pandemija tal-COVID-19, bħall-gwerra fl-Ukrajna u l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fil-Golf, li għandhom impatt dirett fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, inkluż is-settur tat-turiżmu u, b'mod partikolari, ir-reżiljenza tas-settur tat-turiżmu organizzat.

B'mod partikolari, l-Italja tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-Artikoli 12 u 12a, relatati mad-dritt ta' rtirar u r-regolamentazzjoni tal-vouchers, li ma qisux b'mod adegwat l-impatt ta' tfixkil ta' avvenimenti bħal dawk imsemmija, li jeħtieġu flessibbiltà u jridu jiġu indirizzati b'għodod sistemiċi sabiex ma jiġux imposti piżijiet finanzjarji u organizzattivi sproporzjonati fuq l-operaturi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. F'dawn l-aħħar snin, l-operaturi tat-turiżmu organizzat ħafna drabi sabu ruħhom f'sitwazzjoni fejn kellhom jerfgħu l-piż ta' avvenimenti mhux previsti – bħall-kunflitt reċenti – li l-iskala u l-impatt ekonomiku tagħhom huma kbar wisq għall-mudelli tan-negozju tagħhom, u li ma għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni standard tal-konsumatur li tinsab fil-qalba tad-Direttiva dwar il-Pakketti tal-Ivvjaġġar, li dalwaqt ser napprovawha fil-forma riveduta tagħha. Il-kopertura tal-assigurazzjoni jew rimedji standard oħra tad-dritt privat jew jeskludu jew jonqsu milli jipproteġu b'mod adegwat is-settur tat-turiżmu organizzat kontra atti ta' gwerra jew kriżijiet li jnaqqsu s-sikurezza tal-vjaġġaturi fuq rotot jew foqsmata ta' importanza strateġika għall-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, l-Italja tistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-impatt tan-nuqqas ta' kwalunkwe flessibbiltà fir-regoli rigward l-avvenimenti msemmija, u tinsab lesta li tikkollabora fl-iżvilupp ta' miżuri korrettivi fil-futur jew li tipproponi lill-Kummissjoni Ewropea l-istabbiliment ta' faċilità ta' finanzjament, pereżempju fil-Fond għall-Kompetittività, jew skema ta' għajnuna mill-Istat għal dawn l-emerġenzi, li wrew li huma ta' natura rikorrenti u li b'mod ċar għandhom impatti sistemiċi serji fuq is-settur tat-turiżmu organizzat u, konsegwentement, b'diversi modi, fuq il-konsumaturi finali.